MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Numru 238/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Charles Mangion**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Charles Mangion ta’ 37 sena, iben George u Dolores nee’ Portelli mwieled Pieta` fit-30 ta’ Ottubru 1975, resident gewwa St. Mary House, Triq il-Karmnu, Fgura, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 25276M

Akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta’ bejn it-28 ta’ Frar 2013 u l-1 ta’ Marzu 2013, minn gewwa il-hanut bl-isem ta’ Old Trafford, li jinsab fi Triq il-Merhba, il-Fgura, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti, liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232.94), izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Franco Scicluna u/jew persuna/i ohra.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe` ghamel hsara fil-vetrina tal-imsemmi hanut, liema hsarat huma ta' anqas minn 116.47 Euro ghad-dannu ta’ Franco Scicluna u/jew persuna/i ohra;

3. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D fid-digriet li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija personali;

4. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ Charles Mangion u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li d-depozitu u l-garanzija personali, tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat Charles Mangion, ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4), sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat, kif registrata fl-atti tas-seduta tal-lum stess, meta sar l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-lum stess, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma kienx qieghed jinsisti ghall-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta.  Fil-fatt ghalkemm fl-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni talbet il-konfiska tad-depozitu u l-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minn Dok. JV8 jirrizulta illi l-imputat kien gie ordnat illi jaghti biss garanzija personali ta' Lm 500 ossia €1,164.69 u l-ebda depozitu ma gie ordnat li jithallas mill-istess imputat.

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn naha l-wahda l-ammissjoni bikrija tal-imputat u minn naha l-ohra l-fedina penali aggornata tal-imputat li hija wahda allarmanti u voluminuza.  Ikkunsidrat ukoll illi t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini

tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, stante li din serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' serq aggravat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(h), 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(3), 325(c) u 579(2) u (3) issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' ghoxrin (20) xahar mil-lum. Konsegwentement, il-Qorti qeghda tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-hati u tordna l-arrest tieghu mill-gdid a tenur tal-Artikolu 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tikkundanna wkoll lill-hati jhallas lil Franco Scicluna d-danni ghall-hsarat lilu kkagunati, liema hsarat huma ta' inqas minn mija u sittax Euro u sebgha u erbghin centezmu tal-Euro (€116.47) u dan fi zmien xahrejn minn meta l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija hawn moghtija.

In vista tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni m'hijiex tinsisti dwar it-talba taghha ghall- konfiska tad-depozitu u garanzija personali moghtija mill-hati, a favur tal-Gvern ta' Malta, liema talba, kif inghad qabel, setghet tirriferi biss ghall-konfiska tal-garanzija personali moghtija mill-istess hati, il-Qorti **m'hijiex** ser tordna illi l-garanzija personali fis-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) ossia is-somma ta' elf, mija, erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu tal-Euro (€1,164.69) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------